# IL-*PILLBOXES* TAL-MELLIEĦA

Charles Debono, BA (Hons) History & MA History
Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra



Fl-ewwel snin tas-seklu wieħed u għoxrin l-awtur kien ippubblika sensiela ta' artikli dwar il-*pillboxes*, (fil-lista tar-referenzi hemm imniżżel is-snin li ġew ippubblikati) li nbnew fil-Mellieħa qabel ma faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija u wara, f'dan l-istess ktejjeb tal-festa. Kienu ntlaqgħu tajjeb mill-qarrejja u fil-fatt l-awtur baqa jirriċerka dwar dawn l-istrutturi u r-rwol tagħhom matul it-Tieni Gwerra Dinjija.



Il-*bunker* u t-trunċiera fuq l-Irdum tal-Mellieħa, li nbnew u ġew imsaħħa bejn l-1935-36. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur).

## L-origini tal-bini tal-*pillboxes*



Waħda mill-isbaħ *pillboxes* li nsibu fil-Mellieħa, li qiegħda fil-Wied ta' Ġnien Ingraw, fuq ir-riħ tal-Bajja tal-Mellieħa. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur).

Fl-1935 l-Italja Faxxista invadiet l-Etjopja miż-żewġ kolonji li kellhom fl-Afrika tal-Lvant, jiġifieri l-Eritrea u s-Somalja Taljana. Irridu ngħidu li l-Italja minn dejjem kellha interess fl-Abissinja. Fil-fatt, fl-1895, l-Italja ppruvat tinvadi lil dan il-pajjiż pero l-Etjopjani rreżistewhom u b'hekk l-Italja kellha tirtira lura. Fl-1935, f'Malta qamet il-biża' kbira li l-Italja Faxxista, li kellha interess li tieħu lil Malta, minħabba li t-Taljani Faxxisti u irredentisti kienu jemmnu li Malta hija ġeografikament parti minn dan il-pajjiż. Infatti waqt dan il-kunflitt, l-Flotta tal-Mediterran Brittanika rtirat minn Malta fejn ġiet stazzjonata temporanjament f'Lixandra, l-Eġittu.



L-istess *pillbox* minn ġewwa. Jidhru parti u bank sħiħ tal-konkos, kif ukoll minn fejn kienu jittawlu mit-turretta.

(Sors: Koll. tal-Awtur).

Għalkemm jidher li kienu ssaħħew difiżi li kienu nbnew fil-Mellieħa fl-1903, bħat-trunċieri fuq l-Irdumijiet tal-Mellieħa, bħal dawk ta' Ġnien Ingraw, Qasam Barrani u Tas-Sellum. Jidher iżda li l-ewwel forom ta' *pillboxes* bdew jinbnew minn Awwissu 1938 'il quddiem, fi żmien il-Kriżi taċ-Ċekoslovakkja, meta l-Ġermanja Nażista riedet tgħaqqad is-Sudetenland (Li kienet parti miċ-Ċekoslovakkja) magħha. Irridu ngħidu wkoll li s-Sudetenland kienet ippopolata minn etniċi-Ġermaniżi. Fl-aħħar il-Ġermaniżi spiċċaw mhux talli għaqqdu s-Sudetenland bis-saħħa tal-Konferenza ta' Munich, talli wara okkupaw iċ-Ċekoslovakkja kollha. Minn hawn 'il quddiem qamet il-biża' li se tfaqqa' gwerra fl-Ewropa.



*Pillbox* oħra sabiħa li qiegħda fil-Manikata, mhux 'il bogħod ħafna mill-Kamp ta' Għajn Tuffieħa. Dil-*pillbox* għandha fuqha l-kmajra tal-Lyons light. (Sors: Kollezzjoni tal-awtur)



**Re-enactment**: Suldat tal-KOMR armat bi Bren Gun, fl-istess *pillbox*. (Sors: Kollezzjoni tal-awtur).



**Re-enactment**: Suldat tal-KOMR fuq machine-gun tat-tip Vickers 0.303-inch, fl-istess pillbox, għassa għal xi attakk mill-għadu. (Sors: Kollezzjoni tal-awtur).

F'Malta bdiet tinħass il-biża' ta' xi attakk u fil-fatt beda jitħaffef il-bini ta' dawn l-istrutturi militari. Dawn il-*pillboxes* bdew jinbnew mir-*Royal Engineers*. Ħafna mill-*pillboxes* li nbnew matul dal-perjodu kienu *beach-posts*, però kienu nbnew *depth-posts* ukoll. Dawn kienu nbnew f'kull bajja vulnerabli tal-Mellieħa, bħall-Bajja tal-Mellieħa, l-Armier, l-Aħrax, l-Imġiebaħ, Selmun u postijiet oħra.



*Pillbox* fl-Armier bil-kmajra tal-Lyons light ħdejha. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur).



*Pillbox* ħdejn il-Palazz ta' Selmun. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur).

*Pillbox* f'Ta' Xquq bil-kmajra tal-Lyons light ħdejha. Sors: Kollezzjoni tal-Awtur).





*Pillbox* fil-Qammieħ, li nbniet bejn l-1939-42. Għalkemm dil-*pillbox* nbniet bejn l-1939-42, ġiet miksija bil-ġebel tal-gagazza. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur).

L-ewwel tip ta *pillboxes* jintgħarfu peress li kollha għandhom forma tawwalija. Oħrajn għandhom faċċata nofs tond u oħrajn simili għal forma ta' kaxxa. Kważi kollha għandhom *camouflage* bil-ġebel tal-gagazza. B'hekk mill-bogħod kienu jidhru donnhom ħitan tas-sejjieħ jew binja rurali. Dawn it-tip ta' *pillboxes* nistgħu ngħidu li hija kontinwazzjoni tal-bini ta' difizi tal-1935.

L-armamenti prinċipali ta' dawn il-*pillboxes* kien fil-faċċata u ġeneralment ikun hemm żewġ toqob tawwalin għal *machine-guns* tat-tip Vickers 0.303-inch. Ġeneralment, il-gwarniċjun ta' dawn il-*pillboxes* kien ikollhom bank tal-konkos forma ta' nofs ċirku biex joqogħdu fuqhom waqt li kienu jkunu għassa fuq dawn il-*machine-guns*. Hemm oħrajn li m'għandhomx dan il-bank. Għandhom toqob żgħar għall-azzarini, bieba żgħira fuq wara u turretta żgħira għall-osservazzjoni. Dawn il-*pillboxes* inbnew fuq postijiet strateġiċi, matul il-kosta u 'l ġewwa. Dawk li nbnew 'il ġewwa nbnew fit-tarf ta' rdumijiet, biex ikunu f'pożizzjoni li josservaw x'inhu jiġri quddiemhom.

*Pillbox* oħra fil-Wied ta' Ġnien Ingraw. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur).



## Il-bini tat-tieni grupp ta' *pillboxes*, 1939-42

Meta l-Ġermaniżi okkupaw il-kumplament taċ-Ċekoslovakkja f'Marzu 1939, beda tiela' sħab iswed fuq l-Ewropa, fejn kulħadd beda jibża' li se tfaqqa gwerra. F'Malta nħasset il-ħtiega li tkompli tissaħħaħ id-difiża, fejn ġie abbandunat it-tip ta' *pillbox* preċedenti. Għalhekk, ġie abbandunat il-kisi tal-*pillboxes* bil-ġebel tal-gagazza u l-faċċata nofs tond u ġie introdott tip ġdid ta' *pillboxes*, li kellhom forma ta' kaxxa.

Minħabba li kien hemm urġenza minħabba l-biża' li se tfaqqa' gwerra, instab il-bini bħall-ewwel tip ta' *pillboxes* kien se jieħu ħafna żmien, u għalhekk ġie introdott tip ġdid. F'dan il-perjodu kien hemm tliet tipi principali ta' *pillboxes*, fejn ħafna minnhom tħallew mingħajr *camouflage*. Mill-banda l-oħra, numru minnhom ġew miżbugħa lewn il-ħitan tas-sejjieħ jew lewn il-ġebel tal-franka tal-irziezet, fejn anki tpinġew bibien u twieqi foloz. Dawn il-*pillboxes* kollha għandhom toqob rettangulari għall-*machine-guns*, fl-erba' kantunieri tal-istruttura

Dawn it-tip ta' *pillboxes* għandhom turretta tal-osservazzjoni f'nofs is-saqaf, jew fil-faċċata, fejn tal-aħħar kienet tkun tawwalija mill-art għal fuq. Is-suldati kienu jużaw sellum biex jitilgħu fit-turretta. Kull ħajt tal-*pillbox* għandhom żewġ toqbiet zgħar għall-azzarini. Wara l-ewwel attakki fuq Malta bdew fil-11 ta' Gunju 1940, xorta tkompla l-bini ta' *pillboxes* sa nofs l-1942.



Żewġ *pillboxes* jgħassu fuq it-triq li ġejja mill-Bajja tal-Imġiebaħ. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur).

Apparti l-*pillboxes*, il-bajjiet vulnerabbli kienu difiżi minn numru ta' ostakli imqegħdin fil-baħar u fuq ix-xtajtiet. L-ostakli kienu jikkonsistu minn piramidi tal-konkos daqs ħames piedi, bil-ħadid jiżnu nofs tunnellata, f'żewġ ringieli, għoxrin pied bogħod minn xulxin. Sal-aħħar tal-1940 dawn l-ostakli kienu diġà mqiegħda fil-Bajja tal-Mellieħa, il-Bajja ta' Wied Musa u l-Bajja ta' Għajn Tuffieħa.

## L-għan ewlieni tal-*pillboxes*

Għalkemm mad-daqqa t'għajn taħsibhom li nbnew imferrxa fil-kampanja bla għan, dan mhux minnu. Infatti l-pillboxes inbnew bi skop li jiffurmaw numru ta' linji ta' difiża, imsejħa *stop lines*. Kull *stop line* kienet tikkonsisti minn ostakli naturali, li kienet tibda mill-kosta, li kienu jissejħu *beach-posts*. Il-linja ta warajhom, li kienu nbnew 'il ġewwa mill-kosta kienu jissejħu *depth-posts*. Kull linja kienet rinforzata bit-tqegħid ta' mini, ostakli kontra t-tankijiet tal-gwerra u *barbed wire*. Fuq wara tal-*istop line* kien hemm il-Kwartier Ġenerali, minn fejn kienu jiġu organizzati r-riżervi mobbli. Kull *stop line* kellha l-għan li tnaqqas il-mobilità tal-għadu, u b'hekk r-riżerva mobbli kellha ċans li tagħmel kontra attakki.

## Kif il-*pillboxes* kienu armati u fornuti

Ġeneralment, il-*beach-posts* kienu armati b'*machine-guns* tat-tip Vickers 0.303-inch, mentri d-*depth-posts* kienu armati bi Bren guns. Is-suldati kellhom ukoll azzarini tat-tip SMLE u Lee Enfield u revolver. It-toqob kollha tal-*machine-guns* u l-azzarini kellhom *shutter* biex jingħalqu. Kull *pillbox* kellha munizzjon biex f'każ ta' attakk kellhom biżżejjed biex jirreżistu għal numru ta' ġranet. Numru ta' *pillboxes* kellhom Bren gun fuq tripod biex jintuża kontra ajruplani tal-għadu li jittajru fil-baxx. Is-suldati fuq dawn il-Bren guns kienu jiġu protetti bl-ixkejjer tar-ramel. Kull *pillbox* kellha tank tal-ilma għal bżonnijiet tas-suldati.

Kull *pillbox* kellha sodod tal-injam. Is-suldati kienu fornuti b'dak kollu li kien hemm bżonn bħal skimmed milk, kafè u oġġetti oħra. Kellhom ukoll ktieli, maggijiet, bowls u kitchen pots magħmulin mill-enamel. Kull pillbox kellha sett tat-telefown imqabbad ma' *pillboxes* oħra u l-Kwartier Ġenerali. Kull struttura kienet imdawwra b'*barbed wire* doppju biex jipproteġu l-*pillbox* milli suldati tal-għadu jilħquhom

Il-*pillboxes* forma ta' kaxxa għandhom żewġ sulari, u

Kif kienu jkunu s-sodod ġo pillbox. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur).



Kif kienet tkun mejda ġo *pillbox*, b'borma, platti, maggijiet, telefown u oġġetti oħra. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur).



Elmijiet u *haversacks* imdenlin mal-ħajt. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur).



s-suldati kienu jużaw is-sellum biex jitilgħu għat-tieni sular. Il-*beach-posts* kollha kellhom *lyons light* biex jintuża f'każ ta' invażjoni billejl.

## Konklużjoni

Id-difiża ta' Malta li kienet tinkludi s-sistema ta' pillboxes qatt ma ġiet ittestjatha. Għalhekk ma nafux jekk kienetx effettiva jew le. Li nistgħu nagħmlu hu li nħarsu x'ġara matul l-invażjoni ta' Franza mill-Ġermanja Nażista, fejn it-truppi Ġermanizi iżolaw dawn il-*pillboxes* u huma baqgħu javvanzaw. Seta' jiġri l-istess kieku l-Assi invadew lill-Malta fl-1942?

## Referenzi:


S.C. Spiteri, *British Military Architecture in Malta*, (Malta, 1996).

C. Debono, *Wartime Mellieħa: The role of the village during the Second World War 1940-43*, (Malta, 2014).

C. Debono, 'Uħud mill-pillboxes li nsibu fil-Mellieħa', in J. Cauchi, P. Fenech, J. Catania, P. Vassallo (eds), *Socjeta Filarmoika La Vittoria Mellieħa, Malta: Festa Maria Bambina 2000*, (Malta, 2000).

C. Debono, 'Uħud mill-pillboxes li nsibu fil-Mellieħa 2', in J. Cauchi, P. Fenech, J. Catania, P. Vassallo, K. Vella (ed), *Socjeta Filarmoika La Vittoria Mellieħa, Malta: Festa Maria Bambina 2001*, (Malta, 2001).

C. Debono, 'Uħud mill-pillboxes li nsibu fil-Mellieħa 3', in J. Cataina, J. Cauchi, C. p. Deguara & P. Mifsud (ed), *Festa Maria Bambina, Societa' Filarmonica La Vittoria 2002*, (Malta 2002).

C. Debono, 'Uħud mill-pillboxes li nsibu fil-Mellieħa 4', in J. Cauchi., J. Catania., C. Deguara. P., Vassallo ., (ed), *Socjeta Filarmoika La Vittoria Mellieħa, Malta: Festa Maria Bambina 2004*, (Malta, 2003).

C. Debono, 'Uħud mill-pillboxes li nsibu fil-Mellieħa 5', in J. Cauchi., J. Catania., C. Deguara. P., Vassallo ., (ed), *Socjeta Filarmoika La Vittoria Mellieħa, Malta: Festa Maria Bambina 2004*, (Malta, 2004).

C. Debono, 'Pillboxes u Difiżi Oħrajn fil-Mellieħa, Malta, Franza u l-Gran Brittanja matul it-Tieni Gwerra Dinjija: Is-Similarità tad-difiża Brittanika fil-Mellieħa u f'Malta ma' dik li bnew fi Franza u l-Gran Brittanja fl-istess perjodu', in J. Bartolo, Anthony Borg, Carmen Schembri, Anthony Schembri (ed), *Leħen l-Imperial, Vitorja 2007*, Malta, 2007.